Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2002

Numru 1035/2002

Il-Pulizija
(Sp Joseph Mercieca)
vs
Mina Douiba, mart joseph Mifsud,
imwielda  l-Marokk fis-6 ta'
diċembru, 1970

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata talli fl-għassa tal-pulizija tal-Qawra, fit-3 ta' diċembru, 2002 għal ħabta tal-11.00 p.m. bil-ħsieb li tagħmel il-ħsara lil Souaad Loutari, akkużat lill-istess persuna quddiem awtorita' kompetenti b'reat ta' serq aggravat
filwaqt li hi kienet taf li dik il-persuna hija nnoċenti.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tat-18 ta' diċembru, 2002 fejn ta


Qrati tal-Gustizzja

l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi tratttat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta’ diċembru, 2002 fejn l-imputat ammettiet l-akkuża miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-avukat ta’ l-imputata u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha.  Rat
l-artikolu 101(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.  Inoltre, rat
l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali. Tordna lill-imputata li ma kellimx jew timmolesta lil Souaad Loutari għal żmien sena taħt penali ta’ mitt lira maltin (Lm100).